Il-Ġurnal Uffiċjali
tal-Unjoni Ewropea

MT
Is-serje L

2025/1308

2.7.2025

# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2025/1308

## tat-23 ta' Ġunju 2025

## dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fi ħdan il-Kunsill tal-Organizzazzjoni Dinjija Doganali (WCO) b'rabta ma' Rakkomandazzjoni tad-WCO skont l-Artikolu 16 li jemenda s-Sistema Armonizzata

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 31 u l-Artikolu 207(4), l-ewwel subparagrafu, flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Il-Konvenzjoni Internazzjonali dwar is-Sistema Armonizzata għad-Deskrizzjoni u l-Kodifika ta' Oġġetti ("il-Konvenzjoni tas-SA") ġiet konkluża mill-Unjoni permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 87/369/KEE ([1]) u daħlet fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 1988.

(2) Skont l-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni tas-SA, il-Kumitat tas-Sistema Armonizzata jista' jipproponi lill-Kunsill tal-Organizzazzjoni Dinjija Doganali (WCO, World Customs Organization) proposti għal emendi tan-Nomenklatura tas-Sistema Armonizzata ("in-Nomenklatura tas-SA"). Skont l-Artikolu 16 tal-Konvenzjoni tas-SA, il-Kunsill tad-WCO jista' jirrakkomanda emendi lill-Partijiet Kontraenti.

(3) Il-Kunsill tad-WCO hu mistenni jiddeċiedi dwar abbozz ta' Rakkomandazzjoni għall-Partijiet Kontraenti għal emenda tan-Nomenklatura tas-SA matul is-sessjonijiet ta' Ġunju 2025 tiegħu (l-"abbozz ta' Rakkomandazzjoni"). L-abbozz ta' Rakkomandazzjoni għandha tiġi adottata abbażi ta' proposta mħejjija mill-Kumitat tas-Sistema Armonizzata u tiġi finalizzata matul il-75 laqgħa tiegħu bejn l-10 u l-21 ta' Marzu 2025. Din għandha tidħol fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2028.

(4) Huwa ta' importanza kbira li n-Nomenklatura tas-SA tinżamm aġġornata u konformi mal-evoluzzjoni tax-xejriet kummerċjali u l-iżvilupp ta' teknoloġiji ġodda, u li tirrifletti kemm jista' jkun il-ħtiġijiet tal-utenti. L-abbozz ta' Rakkomandazzjoni jinkludi bosta settijiet ta' emendi li jqisu l-ħtieġa li n-Nomenklatura tas-SA tiġi mmodernizzata jew adattata għall-ambjent tagħha.

(5) Jixraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fi ħdan il-Kunsill tad-WCO b'rabta mal-abbozz ta' Rakkomandazzjoni, billi ladarba tiġi aċċettata skont l-Artikolu 16 tal-Konvenzjoni tas-SA, ir-Rakkomandazzjoni se jkollha effetti legali għall-Unjoni u se jkollha l-kapaċità li tinfluwenza b'mod deċiżiv il-kontenut tad-dritt tal-Unjoni, b'mod partikolari l-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 ([2]).

(6) Il-pożizzjoni tal-Unjoni fi ħdan il-Kunsill tad-WCO jenħtieġ ti tkun waħda ta' appoġġ għall-abbozz ta' Rakkomandazzjoni, kif ukoll għal kwalunkwe bidla editorjali minuri li tista' titqies meħtieġa,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

1. Il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fi ħdan il-Kunsill tal-Organizzazzjoni Dinjija Doganali (id-WCO) matul is-sessjonijiet tiegħu ta' Ġunju 2025 għandha tkun li jiġi aċċettat l-abbozz tar-Rakkomandazzjoni skont l-Artikolu 16 tal-Konvenzjoni Internazzjonali dwar is-Sistema Armonizzata għad-Deskrizzjoni u l-Kodifika ta' Oġġetti ("il-Konvenzjoni tas-SA") dwar l-emenda tas-Sistema Armonizzata kif stabbilit fl-Anness Q tad-Dokument NC3358Ba (Rapport HSC/75/Marzu 2025).

([1]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 87/369/KEE tas-7 ta' April 1987 dwar il-konklużjoni tal-Konvenzjoni Internazzjonali dwar is-Sistema Armonizzata għad-Deskrizzjoni u l-Kodifika ta' Oġġetti u tal-Protokoll li Jemendaha (ĠU L 198, 20.7.1987, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/1987/369/oj).
([2]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87, tat-23 ta' Lulju 1987 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ta' Dwana (ĠU L 256, 7.9.1987, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/1987/2658/oj).

2. Ir-rappreżentanti tal-Unjoni fi ħdan il-Kunsill tad-WCO jistgħu jaqblu dwar bidliet editorjali minuri fl-abbozz tar-Rakkomandazzjoni skont l-Artikolu 16 tal-Konvenzjoni tas-SA fid-dawl tal-iżviluppi fis-sessjonijietli ġejjin tal-Kunsill tad-WCO, wara konsultazzjoni mal-Istati Membri matul il-laqgħat ta' koordinazzjoni fuq il-post, mingħajr deċiżjoni ulterjuri tal-Kunsill.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-addozzjoni tagħha.

Magħmul fil-Lussemburgu, it-23 ta' Ġunju 2025.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

C. SIEKIERSKI